# IL-POËŻIJA TAL-ĦAJJA

Lis Sur Nin Cremona

Poëta, poëta,
il-għanja ta' ruħek,
imżewqa bil-hena
li tibki ma' dmugħek,

m'hix isbaħ mill-għanja
tal-ġonna ferrieħa,
ma' dħul ir-rebbiegħa,
rebbiegħa sabiħa.

Ismagħha filgħodu
dik l-għanja qawwija:
fuq weraq titriegħed
bħal nida bid-dija,

---

(1) Fuq dan li sę nżid ngħid inqdejt bl-artiklu interessanti tar-Reverendu C. L. Dessoulavy Ph. D., F. Z. S. imsemmi "Mich: Ant. Vassalli and the Vella Case" miġjub fil-"Journal of the Malta University Literary Society" Vol. 2 Nru. 8 u 9 March 1936 p. 404, kif ukoll b'dak li kiteb fuq hekk Dr. A. A. Caruana, Frammento Critico etc. p. 39.

u tħaxwex mas-siġar
il-fewġa ħanina;
hi tgħanni, wil-għanja
hi kbira w irżina.

Ismagħha: kemm ħlewwa
fl-ilmiet li għaddejja,
bħal sriep lewn il-fidda
sejrin, oħrajn ġejja!

Jien smajtha, poëta,
u smajtha bis-sewwa,
dik l-għanja, tas-sliema,
dik l-għanja tal-ħlewwa.

Kont fl-isbaħ tal-ħajja:
ix-xemx ta' tfuliti
qajl qajl kienet tixref
minn xefaq żgħużiti.

Bħal xrara ta' mħabba
xegħlitni fil-ħin;
ħabbejtek, ħabbejtek,
Mulejja ħanin,

Għax Minnek is-seħer
u l-fwieħa fil-ġnien:
mhux Minnek ewwilla
il-ħajr kullimkien?...

Poëta, poëta,
il-għanja ta' ruħek,
imżewqa bil-hena,
li tibki ma' dmugħek,

m'hix isbaħ mill-għanja
tal-ġonna fis-skiet,
fejn deh'b safi jinżel
fuq fomm il-wardiet,

mill-għanja mostura
li trodd in-Natura.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

15 - IV - 1936.